**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**Il-Ħadd, 4.7.10: -ĦADD, 4.7.10 : L-ERBATAX-IL ĦADD TAS-SENA.**
Waqt il-quddiesa ta' l-10.30a.m. se jkun hawn il-membri tad-Dar Ġużeppa Debono biex janimaw din il-quddiesa, billli din is-sena huma qegħdin ifakkru il-25 sena mit-twaqqif ta' din id-Dar.
**IT-TNEJN, 5.7.10:** L-Ewwel Tnejn tax-Xahar.
**Fis-6.00p.m.** ikun hemm il-quddiesa fiċ-Ċimiterju.
**Fis-7.30p.m**. se ssir il-prova tal-Kor Ulied Margerita bi tħejjij għall-festa. Din tkun fil-knisja.
**IL-ĦAMIS:** Nhar ta' Ħamis wara l-quddiesa ta' filgħaxija qed ikun hawn ftit ħin ta' Adorazzjoni quddiem Ġesu' Ewkaristija.
Ejja itlob mal-komunita' parrokkjali f'dan il-ħin għażiż.
**IL-ĠIMGĦA, 9.7.10: ĠABRA GĦALL-FESTA**
Illum mill-4.00p.m. 'l quddiem se ssir il-Ġabra fit-toroq għall-Festa Nagħmel appell biex ngħinu mill-aħjar li nistgħu biex inkunu nistgħu nlaħħqu mal-ispejjes tal-festa.
**IL-ĦADD, 11.7.10: IL-ĦMISTAX-IL ĦADD MATUL IS-SENA.**

---

*"Jien napprezza x-xewqa tagħkom li tfittxu u ssibu l-verità, u li tkunu tafu x'għandkom tagħmlu biex tilħqu l-milja tal-ħajja. San Pawl, bħala żagħżugħ, għadda minn esperjenza li bidlitu għal ħajtu kollha."*

(Mid-diskors tal-Papa liż-żgħażagħ f'Malta)

## ĠABRA GĦALL-VITTMI TAL-GĦARGĦAR.

Kif semmielna Mons. Isqof Mario Grech fiċ-Ċirkulari tiegħu, nhar is-Sibt, 3 u l-Ħadd 4 ta' Lulju se ssir il-ġabra fil-knisja għall-vittmi ta' l-għargħar li seħħ ġewwa l-Brażil, fil-parti fejn hemm tnejn mill-missjunarji Għawdxin li qed iwettqu l-missjoni tagħhhom f'dan il-pajjiż.
Għalhekk, ngħinu kif nistgħu lil dawn il-vittmi ta' dan id-diżastru naturali.
Min jixtieq jagħti l-offerta tiegħu jista' jagħtiha fl-Uffiċċju Parrokkjali

## XANDIR BIR-RADJU

Nhar il-Ħamis, l-1 ta' Lulju bdejna x-xandir bir-Radju tal-Komunita' ta' Sannat 'Radju Margerita'. Dan jinqabad fuq il-frekwenza ta' 96.1F.M.
Għalkemm dan l-istazzjon se jkun miftuħ il-ġurnata kollha, u fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu se jkun hemm xi programmi ta' interess, imma din is-sena ċċentrajna l-programmi prinċipali għal wara nofs inhar. Dan qed isir għax wara nofs inhar ikun iktar faċli li wieħed isegwi l-programmi.
Nagħmel appell biex insegwu dan l-istazzjon u speċjalment il-funzjonijiet tal-knisja li se jkunu kollha mxandra fuq dan l-istazzjon.
Min ikollu xi kummenti x'jagħmel dwar dan ix-xandir huwa mitlub biex jikkuntattjana fl-istudios tar-Radju. Fuq in-Numru 2155 7043.
Tajjeb li ninformaw ukoll lill-emigranti tagħna li dan l-istazzjon ta' 'Radju Margerita' se jkun jista' jiġi segwit permezz ta' l-internet mill-pajjiżi kollha.
B'hekk inkunu qed noħolqu rabta bejna u bejn l-emigranti tagħna li f'dawn il-ġranet ikun jistennew li jsegwu xi ħaġa mill-festa tal-parroċċa tagħna.